# LECTIO DIVINA

# IR-RABA' ĦADD TAL-GĦID (B)

**Ġw 10, 11-18**

Is-silta ta' dan il-Ħadd tagħmel parti mid-diskors dwar ir-ragħaj (10,1-30) u ssegwi l-fejqan ta' wieħed għama minn twelidu, meqjus għalhekk bħala midneb minn twelidu (9,2.34), imħolli waħdu mill-ġenituri tiegħu *għaliex beżgħu mil-Lhud* (9,22) u mkeċċi mis-sinagoga. Forsi hu wieħed min-*nagħaġ oħra li m'humiex minn dan il-maqjel* (v.16) iżda li se jidħol, permezz ta' Ġesù, fil-merħla, Iżrael il-ġdid. Fl-Ewwel Testment Iżrael spiss hu meqjus bħala l-merħla. F'Salm 100,3 naqraw: *aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu*. Ta' din il-merħla Alla hu r-ragħaj (Salm 23) għax Hu jeħles, jipproteġi, jassisti u jiġbor il-poplu tul l-istorja tiegħu. Daqstant ieħor huma rgħajja—f'isem ir-ragħaj—Mosé, ir-rejiet u l-kapijiet tal-poplu. Dawn tal-aħħar ifallu fl-irwol tagħhom għax *jirgħu lilhom infushom* (Eżek 34,1), jisfruttaw lill-merħla, ma jeħdux ħsiebha, jabbanduwha, bil-konsegwenza li tisfa' vittma tal-għadu u tixtered (Eżek 34,1-9). Għalhekk Alla stess jerġa' jieħu għalih innifsu dan il-post u jwiegħed li jirgħa l-merħla tiegħu permezz tal-messija davidiku: *Jiena stess nirgħa n-nagħaġ tiegħi, u jiena nserraħhom, oraklu ta' Sidi l-Mulej* (Eżek 34,15); *U nagħtikom rgħajja għal qalbi, li jirgħu bl-għerf u l-għaqal* (Ġer 3,15). *U nqiegħed fuqhom ragħaj wieħed, il-qaddej tiegħi David, u jieħu ħsiebhom u jirgħahom; hu jirgħahom u jkun ir-ragħaj tagħhom* (Eżek 34,23).

Ġesù huwa *r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu* (v.11). Il-kelma *ragħaj* (*poimèn*), insibuha 7 darbiet fis-sezzjoni (2-16) u il-frażi *ragħaj it-tajjeb*, 3 darbiet fis-silta tal-lum. Din il-frażi ta' Ġesù għandha konnotazzjoni messjanika fid-dawl tar-ragħaj il-ġdid li l-Mulej se jibgħat u tpoġġi lil min qed jisma' quddiem għażla ta' fidi. Huwa Hu r-ragħaj is-sabiħ, il-veru, il-perfett (*kalós*). Jekk hemm oħrajn, mhumiex il-veri, il-perfetti u t-tajba. F'dan id-Diskors tar-Ragħaj, din hi t-tieni frażi tat-tip *Jiena Hu*. Ftit qabel, fil-v. 7, insibu: *Jiena hu l-bieb tan-nagħaġ*. Min jidħol minn dan il-bieb isalva *u jidħol u joħroġ u jsib*

*fejn jirgħa* (v. 9). L-opposti, f'dan il-każ *jidħol u joħroġ*, bħalma hi karatteristika tal-Lhudi, jindikaw totalità, tant li mbagħad, fil-v. 10, Ġesù stess jgħid: *Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra*.

Fil-vanġelu jissejħu *tajba* l-għemejjel li Ġesù jagħmel u li huma preżentati bħala l-kriterju għall-għarfien u l-aċċettazzjoni tiegħu bħala il-messija. L-istess għemejjel huma kwalifikati bħala *l-għemejjel tal-Missier* għax Hu jaġixxi f'għaqda miegħu. Għalhekk l-għeruq tat-*tjubija* ta' Ġesù hija l-għaqda mal-Missier. *Imma Ġesù qalilhom: "Kien hemm ħafna għemejjel tajba li jiena wrejtkom mingħand il-Missier; għal liema għemil minnhom tridu tħaġġruni?"* (10,32). *Jekk jien m'iniex nagħmel l-għemejjel ta' Missieri, temmnunix; imma jekk qiegħed nagħmilhom, jekk ma temmnux lili, għallinqas emmnu l-għemejjel, biex tkunu tafu u tagħrfu li l-Missier huwa fija u jiena fil-Missier* (Ġw 10,37-38).

*Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu.* Il-frażi *tèn psychèn autoû títhesin* hi tipika ta' Ġw. Dan ir-ragħaj mhux biss jaghmel xi ħaġa għan-nagħaġ, imma jitlef dak li hu tiegħu għalihom. *Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu* (15,13). *B'dan naslu biex nagħrfu x'inhi l-imħabba: li Ġesù Kristu ta ħajtu għalina. Aħna wkoll mela għandna nagħtu ħajjitna għall-aħwa* (1Ġw 3,16). L-għotja tal-Imgħallem issir għalhekk il-kriterju tad-dixxiplu.

*Il-mikri, li m'huwiex ir-ragħaj, u li n-nagħaġ m'humiex tiegħu, jara l-lupu ġej, u jħalli n-nagħaġ u jaħrab; u l-lupu jaħtafhom u jxerridhom. Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-nagħaġ* (v. 12-13). *Il-mikri* jieħu post il-figuri negattivi ta' v. 1-10 fejn jissemmew il-*ħalliel*, l-*brigant* u l-*barrani*. Il-kwalifika tal-mikri hija *li n-nagħaġ m'humiex tiegħu* u għalhekk *ma jħabbilx rasu* minnhom. Il-preokkupazzjoni tiegħu hi l-jsalva lilu nnifsu. Quddiem il-periklu *jabbanduna u jaħrab*—xi ħaġa simili jagħmlu l-ġenituri tal-għama f'9,20-23. Għalih il-kundanna hija kbira: *Gwaj għalih ir-ragħaj bla għaqal, li jitlaq il-merħla weħidha! Ħa jolqotlu s-sejf lil driegħu u 'l għajnu l-leminija! Ħa jinxiflu sewwa driegħu, u dalma kbira tilħqu f'għajnu l-leminija!* (Żak 11,17). Alla l-Imbierek, il-kwalifika tiegħu hi totalment differenti. *U min bagħatni huwa miegħi, ma telaqnix (aphíēmi) waħdi, għax jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu* (8,29). *Ma nħallikomx (aphíēmi) iltiema. Nerġa' niġi għandkom* (14,18). U l-lupu jiġi—u jibqa' jiġi—u *jaħtafhom u jxerridhom. Ara, għad tiġi siegħa, u ġa waslet, meta tixterdu (skorpizō) kull*

*wieħed lejn daru, u lili tħalluni (aphíēmi) waħdi. Iżda waħdi m'iniex, għax il-Missier huwa miegħi* (16,32). Mill-banda l-oħra, Ġesù jiddikjara: *U jiena nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u huma ma jintilfu qatt, u minn idejja ma jaħtafhomli (harpázō) ħadd. Missieri, li tahomli, hu akbar minn kulħadd, u ħadd ma jista' jaħtafhom (harpázō) minn id il-Missier. Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda* (Ġw 10,28-30).

*Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili, bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti* (v. 14-15). Il-verb *ginóskō (tagħraf)* fis-sens bibliku mhux għarfien intelletwali jew psikoloġiku, imma eżistenzjali li jinvolvi lill-persuna f'esperjenza konkreta u personali, tant li Ġesù jgħid: *għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti*. Fit-tradizzjoni biblika, ir-relazzjoni konkreta ta' bejn Alla u l-poplu hi l-alleanza u għalhekk l-għarfien insibuh spiss f'dawn it-testi bibliċi. *Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf lill-Mulej* (Ħos 2,21-22). *Għaliex jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju; li tagħrfu 'l Alla rrid, u mhux vittmi maħruqa* (Ħos 6,6). *U nnibbtilhom ġmiel ta' ħxejjex u ma jkunux aktar mifnijin mill-ġuħ fil-pajjiż, u lanqas jitgħabbew bit-tagħjir tal-ġnus.U jkunu jafu li jiena l-Mulej, Alla tagħhom, jiena magħhom u huma l-poplu tiegħi, id-dar ta' Iżrael, oraklu ta' Sidi l-Mulej* (Eżek 34,29-30) (Ara wkoll Ħos 4,1-2; Ġer 22,16). Għalhekk li *tagħraf* jinvolvi relazzjoni reċiproka u ta' imħabba, fuq l-istess livell tar-relazzjoni fi ħdan it-Trinità qaddisa.

*Għandi wkoll nagħaġ oħra, li m'humiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed* (v. 16). Il-prospettiva ta' Ġesù hija dejjem wiesa' u universali. Hu jinkarna dak li diġa' nilmħu fl-Ewwel Testment: *Hu qalli: "Tkun ħaġa żgħira wisq għalik, li inti tkun il-qaddej tiegħi, biex tqajjem it-tribù ta' Ġakobb, u traġġa' lura l-fdal ta' Iżrael. Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex"* (Is 49,6). (Ara wkoll Is 42,6.) Ġw jikkummenta li l-qassis il-kbir *kien imnebbaħ u ħabbar li Ġesù kellu jmut għall-ġens tiegħu, u mhux għall-ġens tiegħu biss, imma wkoll biex jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin* (Ġw 11,51-52).

Il-karatteristika tan-nagħaġ hi li *jisimgħu l-leħen (phōnēs).* Din il-frażi hi differenti minn

*tisma’ l-kelma*. Timplika relazzjoni aktar diretta ma’ min qed jitkellem tant li hi dejjem abbinata ma’ titli partikulari ta’ Gesù li juru min Hu tassew. Hi *l-vuċi tal-Iben ta’ Alla* (5,25), ta’ *Bin il-Bniedem* eskatoloġiku (5,27-29), tar-*ragħaj* u tar-*re* u *xhud tal-verità* (18,37). In-nagħaġ *leħen barrani ma jafuhx* (v. 5) u għalhekk ma jsegwuhx u *lill-ħallelin u lill-briganti li ġew qablu ma jisimgħux* (v. 8).

*Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri* (v. 17-18). L-għotja ta’ Ġesù hi għotja ħielsa. Hu mhux vittma taċ-ċirkustanzi. Din hi tema ċentrali fir-rakkont tal-Passjoni: *Ġesù, li kien jaf b'kull ma kien ġej fuqu, mar fuqhom u qalilhom: "Lil min qegħdin tfittxu?" ...* (18,4-8). *Għalhekk Pilatu qallu: "Lili ma tkellimx? Ma tafx li jiena għandi s-setgħa neħilsek u għandi s-setgħa nsallbek?" Ġesù wieġbu: "Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi kieku ma ġietx mogħtija lilek minn fuq; għalhekk min ta lili f'idejk għandu ħtija akbar."* (19,10-11). (Ara wkoll 19,28.30 u Is 53, 10-12). Għalhekk il-mewt daqshekk krudila turi l-pjan tal-Missier, il-fedelta’ ta’ Ġesù lejH u l-għażla ħielsa tiegħU li jagħti ħajtu.

Wara s-silta tal-lum isseħħ qasma bejn dawk li qed jisimgħu. Min jemmen u min le. (Ara wkoll 7,43 u 9,16). Dawk li jemmnu f’Ġesù jagħmlu dan għax jgħaqqdu flimkien il-kliem mal-ġesti tiegħu! *Dan m'huwiex kliem ta' wieħed li għandu xitan fih. Mela xitan jista' jiftaħ għajnejn l-għomja?* (10,21). Fit-tmiem tal-vanġelu mbagħad, Ġesù jagħti l-mandat/l-identità ta’ ragħaj lil Pietru u jgħidlu: *Irgħa n-nagħaġ tiegħi* (21,17).

**Xi siltiet li jistgħu jgħinu r-riflessjoni u t-talb:**

Eżek 34,1-31; Ġer 23,1-6; Salmi 23 u 139

Mt 9,36; 18,12-14; 25,31-34; Mk 6,34; 14,27; Lq 15,4-7; Ġw 9; 21,15-19; 1Pt 2,25; 5,4; Lhud 13,20; Apok 7,15-17.